**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU SITTIN 22 TA' MEJJU, 2024**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera, Dr Tiffany Ann Attard, is-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kaydem Schembri, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **60.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 60.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **60.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 60.2.1 | | Is-Sindku Rita Grima talbet li l-Kunsill jagħmel minuta silenzju għal ruħ Dun Raymond Cassar li għadda għal ħajja ta' dejjem, ftit tal-jiem ilu. Hi ssuġġeriet li ssir triq għalieh u li jsir monument tiegħu fir-raħal.<br><br>Kien hemm qbil li ssir triq b'ismu u ma kienx hemm qbil fuq monument. |
| | | |
| 60.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u ħamsin -il seduta. |
| | | |
| ***60.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |

| | | |
|---|---|---|
| 60.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Għall-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq fl-ewwel ta' Ġunju ser issir il-quddiesa fl-1 ta' Ġunju, fis-18:30. Wara l-quddies jitpoġġew il-kuruni tal-fjuri fuq il-monumenti taż-Żurrieq. Ser ikun hemm ġirja li ssir kull sena fit-2 ta' Ġunju. U fit-2 ta' Ġunju ser ikun hemm wirja fil-Mitħna tax-Xarolla. Nhar l-1 u 2 ta' Ġunju ser issir l-open day ta' Dar Mattia Preti.<br>• Wara l-aħħar seduta li kellna, meta l-Kunsillier Marisa D'Amato tkellmet fuq il-barumbara (torri tad-Dejma) li tinsab fi Triq Bronja, is-Sindku ġiet ikkuntatjata mis-sidien tal-barumbara u offrewlha 3 proposti: li titwaqqa u terġa tinbena fil-ġnien tal-viċin; jew jixtriha l-Gvern għall-prezz ta' 400K; jew iżommuha huma imma ssir ir-restawr tagħha mill-Gvern/Kunsill Lokali u tingħata lill-Kunsill Lokali għal 50 sena. Kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-Ministeru tal-Kultura u nieħdu parir. Is-Sindku qalet li jeħtieġ li jsiru barriers madwarha ħalli jiġi indikat il-periklu. |
| | | |
| ***60.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 60.4.1 | | Il-Viċi Sindku qal li:<br>• jeħtieġ li ssir bankina fi Triq Fra Luka Zurki k/m Triq in-Nigret, għaliex imkissra.<br>• Biex jinżabru s-siġar minn Pjazza San Lazzru. |
| | | |
| 60.4.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li saru *double yellow lines* quddiem għalqa fi Triq Hompesch. Jeħtieġ li titneħħa u meta s-sid tal-għalqa jkun ser juża l-għalqa għal darba/darbtejn biss fis-sena, jagħmel permess mal-Kunsill għan-no parking. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia wera x-xewqat sbieħ tiegħu lil dawk il-Kunsilliera li ser jerġgħu joħorġu fl-elezzjoni li ġejja. U awgura li l-Kunsill il-ġdid ikompli fuq dak li mexa fuqu dan il-Kunsill.<br><br>Jixtieq li fil-Kunsill issir plakka tal-perspex bl-ismijiet ta' dawk il-kunsilliera li kienu fil-Kunsill u ma baqgħux, bħal ma għamlu fil-kunsill tal-Belt Valletta. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 60.4.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>• Il-Kunsill għandu jfakkar lill-Aġenzija Sedqa fuq il-bust tat-Tabiba Sciberras u lill-Perit tal-kunsill fuq il-permessi meħtieġa biex isir il-bust.<br>• Nies vulnerabbli miż-Żurrieq qed imorru jiġbru l-ikel minn Qrendi u mhux miż-Żurrieq. Wara diskussjoni li tqajmet fuq jekk humiex veru persuni vulnerabbli li qed imur jiġbor dan l-ikel, l-Kunsillier Marisa D'Amato |

| | | |
|---|---|---|
| | | ssuġġeriet li meta jiġu organizzati ġabriet mill-Kunsill Lokali, minflok jingħataw lill-Puttinu jew Community Chest fund, għandhom jingħataw lil nies vulnerabbli miż-Żurrieq li l-Kunsill jew l-Arċipriet ikun jaf bihom. |
| | | |
| | | |
| 60.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li :<br>• fi Triq it-Tjieba hemm culvert biex l-ilma li jiġi minn Triq il-Karmnu jidħol ġo fih, u minflok l-ilma qed jidħol ġo fih, qed joħroġ minn katusa fl-istess triq. Din saret meta kienet saret Triq il-Karmnu, snin twal ilu. Kien hemm qbil li nieħdu parir mingħand il-perit, biex tiġi rranġata s-sitwazzjoni.<br>• Fi Triq San Luqa hemm bżonn li l-kuntrattur idur it-tappieri biex ma jħabbtux. Il-Viċi Sindku qal li fi Vjal il-Blue Grotto hemm tappiera oħra li tagħmel ħafna ħsejjes meta jgħaddu l-vetturi minn fuqha, din qedgħa viċin Triq il-Merill.<br>• Triq is-Sajjieda fejn ġnien il-Bennej jixtiequ parkeġġ għall-persuni b'diżabilta, għal dawk li jkunu jridu jużaw il-ġnien. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 60.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud ressaq mozzjoni b'dan il-kliem:<br>*Mozzjoni sabiex il-pjanta li qed tiġi ppreżentata dwar il-proġett tal-Pjazza prinċipali taż-Żurrieq titpoġġa flimkien ma' mistoqsija li tgħid:*<br>*Taqbel li l-proġett tal-pjazza prinċipali taż-Żurrieq jitwettaq skond il-pjanta ppreżentata mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq? Iva/Le*<br>*Tali mistoqsija għandha tiġi ppreżentata lir-residenti Żrieraq permezz ta' referendum hekk kif provdut f'artiklu 360 tal-Liġi tal-kunsill Lokali (Kap 363).*<br><br>Din il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Dino Bonnici.<br><br>Il-Kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici qalu li huma dejjem qablu mall-proġett u huma favur tal-proġett imma qed jgħatu ċ-ċans u l-poter lir-residenti jekk iridux il-proġett jew le.<br><br>Is-Sindku qalet li din hi l-aħħar laqgħa ta' din il-leġislatura u ma taħsibx li kellha titressaq mozzjoni illum, meta l-Kunsill kollu kien qabel fuq dan il-proġett. Referendum isir flimkien mal-Kummissjoni Elettorali. Hi kompliet tgħid li tista issir laqgħa oħra ta' konsultazzjoni paċifika man-nies u ma tarax li hemm bżonn li jsir referendum.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, qal li kemm ilu fil-Kunsill dejjem ipprova jżomm l-għaqda u qal li fil-minuti tal-laqgħa meta ġie diskuss il-proġett tal-akwata tal-Bebbux, ma ġiex imniżżel dak li kien qal il-Kunsillier Joseph D'Amato. F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford irrimarkat li f'video li deher fuq is-social media, mill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, intqalet gidba fuq is-Segretarju |

| | | |
|---|---|---|
| | | Eżekuttiv, fejn intqal li l-minuti ma inkitbux sew intenzjonalment, meta fil-fatt il-minuti fil-minuti ġie miktub dak li intqal. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku skuża ruħu, imma s-Segretarju Eżekuttiv ma laqgħatx l-iskuża għax dehrilha li l-iskuża għandha terġa ssir fuq is-social media fejn sar l-istess video. Il-Viċi Sindku qal li ser ikun hemm iżjed videos fil-futur. Fuq il-punt tal-mozzjoni talab li din tiġi irtirata, mhux bi ġlied jew b'argumenti, imma din għandha titressaq f'seduta oħra.<br><br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri, qal li din hi l-aħħar laqgħa tiegħu u piż bħal dan jieħdu kunsill ġdid mhux hu li ser jitlaq f'Ġunju. Mhux qed jaħsel idu imma li fi ftit ġimgħat oħra mhux ser jibqa rappreżentant tal-poplu ma jħossx li għandu jerfa dan il-piż minflok kandidat li ġej minfloku. Din m'għandix tkun ballun politiku u ma jħossx li għada jara fuq is-social media li l-Kunsilll ma qabilx mal-mozzjoni. Il-Viċi Sindku qabel ma dan l-kliem.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li dejjem emmen fuq ix-xogħol li sar minn kulħadd u li dak li sar għamlu b'responsabbilta li jkun ta' ġid għan nies taż-Żurrieq u għaż-Żurrieq. Jekk fir-referendum in-nies jiddeċiedu mod ieħor, l-ispejjeż li saru fuq qbil mill-Kunsill ser jimxu mal-ilma u x-xogħol ser jiġi null. Ċertu deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill. L-affarijiet trid tippruvhom bħal ma għamlu fil-Belt Valletta u la darba l-Kunsill qed jirrappreżenta lin-nies li eleġewh il-kunsill għandu jieħu d-deċiżjoni. Hu qal li ma jaqbilx mal-mozzjoni. Il-Kunsilliera Marisa D'Amato, Tiffany Anna Attard u Kenneth Farrugia qalu li ma jaqblux ma din il-mozzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet li l-Kunsill jagħmel leaflet, jitqassam bieb bieb u wara ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti kollha taż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan .<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill favur li jitkellem man-nies fl-laqgħa b'konsultazzjoni pubblika, imma ma jaqbilx mal-mozzjoni li għandu jsir referendum. |
| | | |
| 60.4.6 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• Fejn l-uffiċċju tas-Sigurta Soċjali xi ħadd neħħa poles tal-muturi, jeħtieġ li jerġa jiġi ordnat.<br>• F'dan il-punt il-Viċi Sindku staqsa fuq il-bolloards li kellhom isiru fi Vjal il-Blue Grotto fejn il-ħanut Village Core u li għadhom ma sarux. U qal li dawn kienu ġew approvati wara li tressqet il-proposta mill-Kunsillier Marisa D'Amato, xi 6 xhur ilu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bollards ordnati. |
| | | |
| 60.4.7 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri irringrazzja lill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia li 9 snin ilu kien innominah fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ u wara nnominah għall-Kunsillier u tah togħma politika. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Irringrazzja lis-Sindku Rita Grima, li dejjem żammet kunsill magħqud u dejjem kienet ta' spalla f'dawn il-ħames snin. U qatt ma jaf li kellhom xi argument.<br>Irringrazzja lill-istaff kollu tal-Kunsill li dawn għamlu minn kollox għal ilmenti imresqa.<br>Irringrazzja lill-Kunsillier Joseph D'Amato li iddedika nofs ħajtu għaż-Żurrieq.<br>U rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, li dejjem kienet telefonata jew messaġġ 'l bogħod u dejjem ippruvat tagħmel il-100 fil-mija. |
| | | |
| 60.4.8 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li żmien din il-leġislatura li waslet biex tintemm, kien żmien sabiħ f'ħajjietha u qalet li ser timmisja lill-kollegi li saru familja. Hi qalet li temmen li l-Kunsill dejjem ħadem għal ġid taż-Żrieraq u qatt ma ra kuluri u dejjem ħadem għal ġid taż-Żurrieq u tittama li l-Kunsill li jmiss jaħdem fuq l-istess valuri u prinċipji.<br><br>Il-Kunsill Joseph D'Amato qal li ħafna milli kellu jgħid qalu diġa u qal li jirringrazzja lil kulħadd għax tajjeb u ħażin dejjem mexa il-kunsill. Hu qal li f'dawn it-30 sena li ilu fil-Kunsill, qatt ma għamel xi ħaġa biex iweġġa lil xi ħadd personali u li qal dejjem kien għal ġid tal-Kunsill u xejn personali. Hu qal li japprezza li meta jgħaddi miż-Żurrieq u jara l-proġetti li saru, jieħu s-sodisfazzjon li ħafna minnhom saru bis saħħa tiegħu.<br><br>Is-Sindku Rita Grima xtaqet tirringrazzja lill-Kunsilliera, u qalet li għalkemm taf li ma kienetx perfetta imma dejjem ħadmet flimkien mal-Kunsilliera. Irringrazzjat lill-kunsilliera li mhux ser jerġgħu jikkontestaw. Hi rringrazzjat lill-istaff kollu tal-Kunsill li dejjem qdew lil kulħadd. |
| | | |
| ***60.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 60.5.1 | | Tressaq ir-rapport tal-financial statments 2023, maħdum mill-awdituri li ġew fl-uffiċċju fi Frar li għadda. Ressqet il-managment letter bir-risposta b'kollox. Dan kollu ġie approvat biex jintbagħat. |
| | | |
| ***60.6*** | | ***Laqgħa annwali tal-komunita*** |
| | | |
| 60.6.1 | | Ġie ppreżentat il-Pjan ta' Ħidma aġġornat f'April 2024 għas snin 2023 – 2027.<br>Ħadd ma attenda għal-laqgħa annwali. |
| | | |
| ***60.7*** | | ***Monument li jfakkar il-vittmi tan-nar*** |
| | | |
| 60.7.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud ippropona li jsir monument li jfakkar il-vittmi tan-nar biex ifakkar lil dawk li tilfu ħajjiethom fin-nar. Għandu jinbeda l-proċess biex jinstab post xieraq għal dan il-monument. Hu ssuġġerixxa li jiġi fejn il-Ġibjun.<br>Kien hemm qbil unanimu fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato li għaddiet minn din it-trawma, qalet li dan hu każ sensittiv ħafna. Hi qalet li hi uġiegħ ta' qalb li tgħaddi minn fejn monument li jkun hemm missiera imnizżel fuqu. Dan il-monument iġib ħafna dieqa. Hi ma tħossx li għandu jitpoġġa fil-pjazza u l-monument għandu jkun simboliku u mhux bl-ismijiet ta' dawk li mietu. Hi żieded tgħid li l-ħsieb hu nobbli imma sensittiv hafna.<br><br>Kien hemm qbil unanimu fil-prinċipju u qabel isir, l-Kunsill għandu jitkellem mal-familjari ta' dawk li għaddew minn din it-trawma. |
| | | |
| ***60.8*** | | ***Ħatra ta' żewġ skrivani mal-Kunsill Lokali biex jimlew il-postijiet vakanti.*** |
| | | |
| 60.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saru żewġ gruppi ta' interviews għal dawk li kienu eleġibli u kwalifikati li japplikaw għal skala 15 mal-Kunsill Lokali.<br>Mehmuż poġġiet ir-rapport li sar waqt l-intervisti, minħabba data protection mhux ser jissemmew l-ismijiet fuq il-minuti.<br><br>Kien hemm qbil fuq iż-żewġ ismijiet li intgħażlu mill-bord li kien preżenti waqt l-interviews u anke mal-istess staff tal-Kunsill, waqt it-tieni interview.<br><br>Persuna tista tibda fl-immedjat u l-persuna l-oħra trid tagħti n-notice fix-xogħol li tinsab fih bħalissa u ser tibda fl-1 ta' Lulju. |
| | | |
| ***60.9*** | | ***Laqgħa mall-Għaqda Residenti Żrieraq u Insalvaw in-Nigret*** |
| | | |
| 60.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva email ta' ringrazzjament mingħand l-Għaqda Residenti Żrieraq li tgħid :<br><br>*"L-Għaqda Residenti taż-Żurrieq qed nibagħtu din l-email sabiex nuru l-apprezzament tagħna talli dejjem urejtuna sapport u ġejtu l-konferenzi li nagħmlu. Ta' dan grati.*<br><br>*Infaħħru lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq li fl-aħħar sena ħa pożizzjoni ċara kontra żviluppi li qed jgħerrqu lir-raħal.*<br><br>*Kumbinazzjoni llum nagħlqu sena li twaqqafna. Kienet sena impenjattiva, għax kif tistgħu tobsru aħna ma nitħallsux ta' dak li nagħmlu, imma nagħmluh għax għandna għal qalbna l-lokalità li ngħixu fiha. Din l-imħabba biss timmotivana, xejn aktar.*<br><br>*Jalla nsibu modi kif nikkollaboraw, u aħna dejjem lesti li niltaqgħu magħkom. Jalla l-kunsill il-ġdid wara Ġunju jkollu l-istess ħeġġa bħalma għandu l-kunsill preżenti.*<br><br>*Bħala Għaqda se nissapportjaw lil dawk il-kandidati kollha li ġenwinament konvinti li jissalvagwardjaw l-ambjent u l-karattru rurali tal-post.'* |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***60.10*** | | ***Isem ġdid għal-iskola Primarja taż-Żurrieq*** |
| | | |
| 60.10.1 | | Il-Kunsill ġie mitlub li jagħżel isem għall-iskola Primarja ta' San Benedittu fiż-Żurrieq. Peress li fis-seduta preċedenti s-Sindku kienet ipproponiet l-isem ta' Ursula Gauci u ma kienx hemm qbil fuqu. Kellha titpoġġa item fuq din l-aġenda.<br><br>Illum ġie ppropont l-isem ta' Pietru Pawl Saydon mill-Kunsilliera Dino Bonnici u Kyle Mifsud. Huma qalu li l-profil għoli u l-istatura tal-Profs Saydon titkellem waħida u li ma hemm l-ebda profil ieħor li jista jkun denju tal-isem li għamel għalih, għalina u għal Malta. Huma qalu li din hija kwistjoni ta' profil u legat qawwi li sal-lum fiż-Żurrieq ma ġiex egwaljat. Jaħsbu ukoll li d-deċiżjoni fuqu ħa ssib kunsens mill-pubbliku inġenerali. Kif ħarġet diġa mis-seduta preċedenti l-ismijiet l-oħra li ssemmew kollha ġabu xi forma ta' diżapprovazzjoni min fuq ħaġa u min fuq oħra. Qabel ma ġew varati l-kulleġġi l-iskola primarja kien diġa jisimha għall-Profs Saydon, dan ifisser li l-Ministeru tal-Edukazzjoni ukoll ra l-grandezza tal-persuna u rid ifakkru b'hekk.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan l-isem. |
| | | |
| **60.11** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***60.11*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 60.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br><br>• Biex il-Kunsill jagħti permess għal tower crane fi Triq Nardu Sacco għal 3 xhur. Il-kobor tal-platform ser tkun 3m x 3m.<br>• Biex issir parking bay għall-persuni b'diżabilta quddiem 11 Pjazza San Ġorġ, minħabba persuna li għandha bżonn ħafna. Kien hemm qbil li issir temporanjament bħal ma saru oħrajn.<br>• Residenti minn Vjal ix-Xarolla qed jitolbu biex fil-liwja ta' Vjal ix-Xarolla (fil-parti ta' fuq) isiru 3 sleeping policeman wara xulxin, biex il-vetturi jkunu kostretti jnaqsu l-ispeed, minħabba l-inċidenti li jistgħu jinħolqu huma u joħorġu l-vetturi mill-garage. Meta ġie kkuntatjat aċċetta li waħda ssir quddiem ir-residenza tiegħu. Aktar 'l quddiem ser jiġbor il-firem tar-residenti li jaċċettawha quddiemhom. Kien hemm qbil li wara approvazzjoni ta' TM issir waħda quddiem ir-residenza tiegħu quddiem il-bieb tad-dar.<br>• Il-Kunsill Lokali ħareġ *expression of interest* għal dawk l-anzjani li jridu jgħinu waqt il-ħruġ u d-dħul tat-tfal tal-iskola. L-applikazzjoni kienet tagħlaq il-bieraħ 21 ta' Mejju, 2024 u għaliha applikaw erbgħa persuni nisa. Kien hemm qbil li dawn jgħaddu għall-interview. |
| | | |
| 60.11.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill Lokali ġie mitlub li jiffirma MOU ma' Clean Malta – Cleansing and Maintenance Division, għal 5 snin. Dan sabiex l-allokazzjoni li l-Gvern jgħati lill-Kunsill Lokali fuq tindif ta' toroq tagħddi mill- |

| | | |
|---|---|---|
| | | ewwel lil Clean Malta biex huma jagħtuna s-servizz tal-knis. Kien hemm qbil li d-draft ta' dan l-MOU jintbagħtat b'email lill-Kunsilliera kollha u wara tittieħed deċiżjoni permess tal-email. Kien hemm qbil fuq dan l-MOU u ser jiġi ffirmat għada 23 ta' Mejju, 2024. |
| | | |
| 60.11.3 | | It-tender tal- Tender for the supply, installation and maintenance of a smart parking system in the Urban Centre of Iz-Zurrieq, infetħet u kien hemm 7 offerenti<br>• Automation System Ltd – 64950e<br>• G4S Security Service - 126245E<br>• A Plus Solution Ltd – 72650E<br>• AIS Technology Ltd – 84482E<br>• CVA – 73417E<br>• Handson Systems Ltd – 73755E<br>• Yaza Tech Ltd – 64672E<br><br>Il-Kunsill qed jistenna xi kjarifikazzjonijiet mill-offerenti u kien hemm qbil li hekk kif ikun konfermat li l-orħos offerent għandu kollox irregolarizzat u skont kif jitlob it-tender jingħata l-approvazzjoni tal-kuntratt. |
| | | |
| ***60.12*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 60.12.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 34 |
| | | |
| ***60.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 60.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok1 għall-ammont totali ta' €223,279.37.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Dino Bonnici u mill-Kunsillier Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***60.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 60.14.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 26 ta' Ġunju, 2024, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' ĠUNJU, 2024.

**Rita Grima**
**Sindku**

**Josianne Cilia Mumford**
**Segretarju Eżekuttiv**